# Epigrammi

## 109. FELIĊ

Feliċ mibdul minn martu jħobb fl-għaxija
joqgħod għall-arja jħares bit-tfal miegħu
lejn is-smewwiet, jammira l-kwiekeb kollha,
minbarra waħda biss, l-istilla tiegħu!

## 110. IL-KAXXA TAL-MADONNA

Daħlu fil-knisja u serqu l-kaxxi kollha
li kien hemm tal-Madonna mal-ħitan;
Il-Madonna ma bkietx għal din it-telfa,
iżda la tgħidx kemm beka l-Kappillan!

## 111. KARMNU

Meta beda n-negozju minn ġo qalbu
keċċa l-kuxjenza għaliex, qal, għajjura,
issa li telaq kollox għax xjieħ bosta
Karmnu 'l-kuxjenza reġa' sejjaħ lura.

## 112. LIL SAN PAWL (1)

Nirringrazzjawk, San Pawl, illi f'miġjietek
minn ħalq il-lifgħa s-semm għoġbok tneħħih
u nittamaw li, meta terġa' tiġi,
tneħħi minn fuq din l-art t'isfel ir-riħ.

## 113. X'QAL MONS. SAYDON

Il-qassisin bejniethom qatt ma qablu
fil-għomor tagħhom mindu bdew jeżistu
ħlief darba biss: meta huma xlew u qatlu
lill-Iben t'Alla Sidna Ġesu' Kristu.

## 114. IL-BARRI

Għandu koxox qawwija, għajnejn fondi,
rasu f'saħħitha aktar minn ta' ljun;
'mma n-nies ma tara xejn minn dana kollu,
tal-barri twajjeb tara biss il-qrun.

## 115. IN-NEMLA U L-GĦASFUR

In-nemla kienet tkaxkar qamħa kbira
u talbet lil xi ħadd jgħinha terfagħha;
u ġie l-għasfur, bil-ħniena mimli kollu
lill-qamħa refa', iżda mbagħad belagħha!

## 116. IN-NIES TAL-LUM

In-nies tallum telgħet fuq il-Parnassu
u s-sitt mużi keċċew dak il-mument,
u għamlu *swimming pool* u bnew lukanda,
u b'sitt iċmieni makna tas-siment.

## 117. IŻ-ŻRIEGĦ

Il-bniedem dejjem jiżra' fil-ħamrija,
jiżra' fil-beraħ, jiżra' ġewwa s-serra;
u daqqa jiżra' l-qamħ u ż-żrieragħ l-oħra,
daqqa 'l uliedu maqtulin bil-gwerra.

## 118. L-ILJUN

L-iljun biex jgħid lil martu "jien inħobbok"
jikxef l-ixjieb u s-snien ta' ħalq babaw,
jiftaħ dufrejh u jxejjer bihom lejha,
u mbagħad b'leħen maħnuq jgħidilha "mjaw"!

## 119 LIL SAN PAWL (2)

Kemm niżżik ħajr, San Pawl, li mill-blat tagħna
ħriġt l-ilma ġieri meta Malta ġejt,
u nittamaw li meta terġa' tiġi,
flok l-ilma ġieri, toħorġilna ż-żejt!

## 120. KOLINA

Kolina nhar ta' Ħadd tbiddel il-libsa
u toħroġ tippassiġġa ma' Nikol;
il-libsa ta' Kolina tkun tal-festa,
'mma wiċċha dejjem hu ta' nhar ta' xogħol.

## 121. XEWQAT "IX-XEWKA" F'GĦELUQ SNINHA

La taqtax qalbek, Xewka, li xi darba
ma ssibx xi tgħid u tikteb fuq in-nies;
hemm in-natura umana – afda fiha –
jibqgħu dejjem Maltin jgħixu bla qies!

## 122. FREDU

"Fred, qatt m'għamilt xejn ġewwa d-dar tagħna!"
dik martu mqarba dejjem tgerger miegħu;
forsi xi darba jkollha l-kuraġġ tgħidlu
li lanqas biss ma għamel it-tfal tiegħu!

## 123. KIKINA

Kikina nhar ta' Ħadd tmur il-quddiesa
għaliex tħobb 'l Alla u lilu tagħti qima;
u tmur ukoll biex tara lil ħabibha
u miz-zuntier lilu tagħti tislima.

## 124. LILL-PRIM MINISTRU

Għandek korp kbir u smart tal-Pulizija,
mgħasses il-bini, mgħassa l-Kistlanija;
biss ħaġa tonqos, jonqos korp ftit akbar
li jagħmel għassa sew tal-Pulizija.

## 125. LIENI

Lieni mara bla skrupli, mara kiefra,
sbejħa daqs anġlu, sbejħa fost is-sbieħ;
Mulej, jekk għamilt żball li ħloqt lil Lieni
jista' jingħad li għamilt żball sabiħ!

## 126. VICKY

Vicky minn ġo ħanut xtrat par ingwanti,
u marret tippassiġġa dak il-ħin;
imxiet it-tul tat-triq bihom imlibbsa,
u reġgħet lura bihom imdendlin.

## 127. IS-SAQAJN

Ma nimxu qatt, dejjem rekbin f'karozza;
saqajna tista' tgħid m'għandniex x'nambuhom;
in-nisa biss għad jeħteġuhom naqra
biex minn isfel sa fuq kexfin juruhom!

## 128. MARI'

Mari' kienet kunjata ta' xi tlieta,
minnhom ilkoll minn darhom imkeċċija;
'mma kemm iġġieldu min jeħodha miegħu
fil-jum li rebħet fih il-Lotterija!

## 129. KURĊIFISS SALIBA

Min hemm addolorat aktar minn dana?
Dan Kurċifiss Saliba, Dolor martu,
Dolores House, Pieta’, Triq id-Duluri!
u b’dana l-epigramm jien komplejt ħqartu!

## 130. DIJOĠNI

Dijoġni bil-fanal sikwit kien joħroġ
ifittex raġel mogħni bl-irġulija;
u martu kien ikollha tfittex raġel
li miegħu tista’ torqod filgħaxija.

## 131. IT-TFAJJEL

Ġo għalqa ħdejn ix-xtajta tfajjel ċkejken
għaddej idur fuq ħmar, ferħan sa jtir...
min jaf, min jaf jibqax f’did-divertita
tul ħajtu kollha riekeb fuq il-ħmir!

## 132. IL-PAGUN

Il-Pagun firex biex jarawh lil denbu...
x’seħer u ġmiel ta’ rix mill-aktar għani!
iżda ara li ma tmurx tarah minn wara
għaliex kollu mikxuf tara l-warrani!

## 133. RAXXAX JA XITA

Raxxax ja xita, m’intix waħdek traxxax
bil-qawwa kollha fuq din l-art Maltija.
Traxxax kemm traxxax m’intix sa tgħarraqha:
Malta mgħarrqa diġa’ fl-ipokresija!